# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF MIRIAM HAYMAN LL.D.

## Illum it-Tnejn, sitta u għoxrin (26) ta' Mejju, 2025

**Fl-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni nru.: 682/2025 MH**

**Mohamed Eseid M. Almilade, bħala**
**mandatarju speċjali ta' Ahmed Mohamed Jabir Elkrekshi**
**Vs**
**MFF Limited**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni kontra l-intimata soċjeta' biex din tinżamm milli *"..direttament jew indirettament personalment jew tramite terzi, tagħmel jew tippermetti li l-Bastiment jitniżżel il-baħar, joħroġ minn Malta, jiġi użat u/jew operat b'xi mod jew manjiera, jew li jitneħħa xi tagħmir jew apparat ieħor li jinsab fuq il-Bastiment."*

Rat id-digriet tagħha datat 29 ta' April, 2025 fejn it-talba ġiet milqugħa b'mod proviżorju.[1]

Rat li l-intimata opponiet din it-talba fuq diversi pretesti, senjatament li kien nieqes il-jedd li fuqu kellha mad-daqqa t'għajn tistrieħ il-pretensjoni tar-rikorrenti, dan fuq skorta ta' Memorandum of Agreement bejn il-partijiet[2], u oħrajn, li jolqot obbligazzjonijiet kuntrattwali tal-bejgħ tal-bastiment *de quo*.

Ukoll jissenjalaw li jekk hemm id-dritt pretiż, dan b'ebda mod ma kien se jiġi irrimedjabbilment preġudikat in kwantu kien wieħed kwantifikabbli f'riżarċiment pekunjarju.

Jressqu wkoll li din it-talba kienet ġuridikament insostenibbli in kwantu kienet ostakolata b'dak previst fl-artikolu 855 (1) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Għandu jingħad ukoll f'dan l-istadju illi għalkemm il-Qorti awtoriżżat li tiġi preżentata nota ta' referenza fir-rigward tal-preċetti ta' l-artikolu 855(1) imsemmi, sad-data ta' dan id-digriet ġiet preżentata biss dik tar-rikorrenti.[3]

Ikkunsidrat:

---

[1] Folio 25.
[2] Ara rikors ġuramentat esebit folio 37 u atti annessi.
[3] Folio 103.

Illi qabel ma l-Qorti tgħaddi biex teżamina t-talba odjerna jkun opportun li jiġu stabbiliti permezz ta' ġurisprudenza dawk li huma l-prinċipji li jirregolawha.

Ingħad fil-provvediment fl-ismijiet **SILVER KING LIMITED vs IL-KUMMISSARJU TAL-PULIZIJA:**[4]

> *"Tqis li l-għan ta' talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni huwa dak li jżomm persuna milli tagħmel xi ħaġa li tkun li tista' tkun ta' ħsara lill-parti li titlob il-ħruġ tal-mandat*[5]*;*
>
> *Tqis li bil-liġi, jeħtieġ li r-rikorrent juri żewġ ħwejjeġ biex ikun jistħoqqlu jikseb il-ħruġ ta' Mandat bħal dak. L-ewwel ħaġa li jrid juri hi l-mandat huwa meħtieġ biex jitħarsu l-jeddijiet pretiżi minnu. It-tieni ħaġa hi li r-rikorrent ikun jidher li għandu, mad-daqqa t'għajn (prima facie), dawk il-jeddijiet. Il-ħtieġa li jintwera li l-parti li titlob il-ħruġ ta' Mandat bħal dan ikollha prima facie l-jeddijiet pretiżi hija ħtieġa oġġettiva u mhux waħda soġġettiva li tiddependi mid-diskrezzjoni tal-ġudikant*[6]*. Tali jedd jew jidher mad-daqqa t'għajn jew, għall-finijiet ta' dan il-Mandat, ma jeżistix;*
>
> *Tqis li, minn kliem il-liġi nfisha, iż-żewġ elementi huma kumulativi u mhux alternativi. Jekk xi wieħed minn dawn iż-żewġ elementi ma jirriżultax, il-Qorti għandha tiċħad it-talba għall-ħruġ ta' mandat bħal dak. Siewi wkoll li wieħed iżomm quddiem għajnejh li l-proċedura li hija maħsuba biex titqies talba bħal din huwa mixtieq li tkun waħda sommarja, billi m'huwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti fi stadju bħal dak kulma jmissu jitressaq quddiemha waqt is-smigħ tal-kawża dwar l-istess jedd. Huwa għalhekk li llum il-liġi nbidlet u stabiliet żminijiet qosra u preċiżi li fihom it-talba għall-ħruġ ta' dan il-Mandat għandha jew tintlaqa' jew tiġi miċħuda*[7]*;*
>
> *Tqis li minn dan joħroġ li l-Mandat ta' Inibizzjoni huwa mezz proċedurali eċċezzjonali u mhux normali ta' provediment legali*[8]*. Il-ħarsien li l-liġi timmira għalih fit-talba tal-parti rikorrenti huwa dak*

---

[4] Mandat ta' Inibizzjoni Numru 1150/13 deċiż 22 ta' Awwissu, 2013
[5] Art. 873(1) tal-Kap 12
[6] App.Ċiv. **14.7.1988** fil-kawża fl-ismijiet ***Grech pro et noe vs Manfre'*** (Kollez. Vol: **LXXII.ii.290**)
[7] Art. 875(3) tal-Kap 12
[8] Ara, per eżempju, P.A. NC **11.3.2003** fl-atti tar-Rikors għall-Ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet ***IWT Group Malta Ltd vs Direttur Ġenerali tal-Kuntratti et***

*li, mingħajr il-ħruġ tal-Mandat, il-jedd li jista' jkollu jitneħħa darba għal dejjem u b'mod irrimedjabbli. Dan ma jfissirx li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni tintlaqa', ikun ifisser li l-jedd huwa ippruvat. Bħalma lanqas ifisser li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat bħal dak ma tintlaqax ikun ifisser li l-jedd pretiż ma jeżistix. It-tiftix li trid tagħmel il-Qorti huwa dak jekk, bl-għamil li minnu qiegħed jibża' r-rikorrent, jistax jintilef darba għal dejjem jedd li l-istess rikorrent jidher li għandu fil-waqt li ħareġ it-talba għall-ħruġ tal-Mandat;*

....

*Tqis li l-liġi tħares il-"jedd" prima facie, bħala rekwiżit meħtieġ għall-ħruġ tal-Mandat. Wieħed irid jagħraf li l-jedd li jeħtieġ jitħares mhux biżżejjed li jkun sempliċi diffikulta'*[9]*13, disaġju jew tħassib;*

...

*Tqis li ladarba ma jirriżultax il-jedd, wisq aktar ma tirriżultax il-ħtieġa tal-ħruġ tal-Mandat. Il-Qorti tista' tieqaf hawnhekk bil-konsiderazzjonijiet tagħha. L-element tal-ħtieġa għall-ħruġ ta' Mandat bħal dan tintrabat sewwa ma' l-fatt jekk il-ħsara li minnha l-parti rikorrenti tilminta tistax tkun waħda li ma tistax tissewwa mod ieħor. Jekk l-inkonvenjent jew in-nuqqas lamentat jista' jitneħħa, mqar b'deċiżjoni wara li jiġi mistħarreġ il-każ fil-mertu*[10]*, jiġi nieqes it-tieni element meħtieġ għall-ħruġ tal-Mandat;*

*Tqis li, b'żieda ma' dan kollu, fejn l-egħmil li jrid jitwaqqaf jista' jingħata rimedju dwaru b'kumpens fi flus, jonqos ukoll l-element tal-ħtieġa tal-ħruġ tal-Mandat."*

Ikkunsidrat:

-Tqis li r-rigward ta' dak li intqal fejn si tratta ta' l-artikolu 855(1) tal-Kap 12, il-Qorti rat dak li jiddisponi l-artikolu msemmi u ċioe' li jolqot il-limitazzjoni ta' atti kawtelatorji li jistgħu jinħargu kontra bċejjeċ tal-baħar 'il-fuq minn għaxar

---

[9] Kumm. **26.5.1995** fl-atti tar-Rikors għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet ***Cassar Pulliċino noe vs Caruana Curran noe et*** (Kollez. Vol: **LXXIX.iv.1387**)

[10] P.A. AM **2.1.1993** fl-atti tar-Rikors għall-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet ***Avukat Victor Borġ Grech vs Joseph Gasan et noe***

metri u dan **biss mandat ta' arrest** unikament biex jitqiegħdu fiż-żgur dejn jew pretensjonijiet, *in rem* jew *in personam*, li bit-tluq ta' dan il-bastiment jiġu skartati.

Pero' f'dan ir-rigward mhux qed jintalab *verbatim* ebda arrest ta' vapur. Li qed jintalab hu li l-istess bastiment ikun priv li jitniżżel fil-baħar, ukoll li joħroġ mill-Port ta' Malta, li jiġi użat jew operat b'xi mod jew manjiera jew li jitneħħa xi apparat minn fuqu.

Minn issa l-Qorti tqis li in vista ta' artikolu imsemmi, u għax għaliha ż-żamma ta' ħruġ ta' bastiment mill-Port huwa ekwivalenti għall-arrest tiegħu, li sa fejn tidħol din il-parti tat-talba, dan il-mandat ma jistax jintlaqa'.

Ma tarax pero' li l-kumplament tat-talbiet huma preklużi b'effett tal-artikolu 855(1) tal-Kap 12.

-Pero', l-Qorti xorta tirriskontra ostaklu ieħor, dan għal fatt li kemm jekk hawn *si tratta* ta' flejjes mhux imħallsa jew mitlufa minħabba kwistjoni ta' qbid u bejgħ ta' tonn, kif ġie trattat fis-smiegħ ta' dan il-mandat, allura dan it-telf jista' jiġi kawtelat mod ieħor mhux b'din il-kawtela estrema. Dan ineħħi dak l-element ta' ħsara irriparabbli jew li ma tistax issib sodisfazzjon mod ieħor.

-Ukoll u in konġunzjoni ma' dak li appena intqal, fuq skorta tal-ġurisprudenza ċitata, din il-kawtela mitluba hija kif ingħad waħda ta' natura eċċezzjonali. Allura l-applikazzjoni tagħha għandha tkun hekk ristretta u użata b'ċirkospezzjoni. L-intimati jgħidu li fil-fatt r-rikorrenti ġia pproċeda b'mandat ta' deskrizzjoni li ġie eżegwit[11], ukoll fatt mhux kontestat. Allura dik il-parti tal-kawtela fejn hu mitlub li ma jitħalliex li jitneħħa xi tagħmir jew apparat ieħor minn fuq il-bastiment ġia hija sodisfatta bl-elenku magħmul u tista' tkun aktar assodata mod ieħor.

-Oltre' hekk issib ukoll, u dan ma ġiex kontradett, illi parti minn dak mitlub ġia fil-fatt sar kif intqal lilha mill-intimati.

Kif inhu sew miżmum mandat ta' inibizzjoni, u dan jirriżulta ampjament ċar mill-kelma tal-liġi[12], jista' jżomm milli ħaġa ma ssirx, ċioe' ssib applikazzjoni biss *di non fare* , mhux li ġġiegħel li ssir, allura *da fare*.

Dan qed jingħad għax fir-risposta tal-intimati, u dan ma kienx oppost, illum il-bastiment ġia qiegħed fl-ilma, allura l-Qorti f'din l-istanza ma tistax tilqa' dik it-talba ta' dik iż-żamma għax ġia qiegħda fis-seħħ.

[11] Dok MD folio 65, kopja lleġibli.
[12] Artikolu 873 tal-Kap 12.

**Konsegwentement il-Qorti ma tarax kif tista' fuq il-premess tilqa' din it-talba u tiċħadha bl-ispejjeż.**

**Ukoll tirrevoka għalhekk contrario imperio d-digriet tagħha sa fejn laqgħet it-talba b'mod proviżorju.**

**Onor. Miriam Hayman**
**Imħallef**

**Rita Falzon**
**Dep. Reġ.**